# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum it-22 t'Ottubru 2019**

Appell numru 266 tal-2017

**Il-Pulizija**
**vs**
**Giulio ZARB**

Il-Qorti :

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar il-25 ta' Mejju 2017 fil-konfront ta' Giulio ZARB, karta tal-identita bin-numri 657757M fejn ġie mixli talli:

   F'dawn il-Gżejjer fil-perjodu ta' Novembru 2014 u fix-xhur ta' wara, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda :

   (1) Approprja ruħu billi dawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, is-somma ta' sitt elef euro (€6000) għad-dannu ta' Francis Buttigieg, liema somma ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu

li jġib miegħu l-obbligu tar-radd lura tal-ħaġa jew li jsir użu minna speċifikat;

(2) U wkoll talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi b'mezzi kontra l-Liġi jew billi għamel użu t'ismijiet foloz, jew ta' kwalifika foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor inganna jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistena t'intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ ta' sitt elef euro (€6000) għad-dannu ta' Francis Buttigieg;

(3) Akkużat aktar talli f'dawn il-Gżejjer ikkommetta reat matul il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma setgħetx tiġi mibdula;

(4) Finalment talli fl-istess perjodu ta' żmien u ċirkostanzi f'dawn il-Gżejjer irrenda ruħu reċidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali u wara dan kien ġie misjub ħati b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

2. Permezz tas-sentenza aktar il-fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellat u semgħet il-provi prodotti u rat id-dokumenti kollha eżebiti f'dan il-każ, rat l-artikoli 18, 28A, 49, 50, 293, 294, 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-istess appellat ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tiegħu u kkundannatu għall-piena ta' priġunerija effettiva għal perjodu ta' sentejn filwaqt li ordnat id-dħul fis-seħħ tas-sentenza ta priġunerija sospiza datata 8 ta' Mejju 2014 fejn l-appellant kien ġie kundannat għal perjodu ta' priġunerija ta' sitt xhur sospiżi għal tmintax il-xahar u b'hekk dik il-Qorti kienet ikkundannatu għal-perjodu ta' priġunerija effettiva komplessiva ta' sentejn u sitt xhur.

3. Rat l-appell intavolat mill-ħati permezz ta' rikors li jġib id-data tas-16 ta' Ġunju 2017 li permezz tiegħu il-ħati qajjem żewġt aggravji, li in suċċint, huma :

(a) Il-Qorti tal-Maġistrati skartat kompletament diversi ċertifikati psikjatriċi li kienu juru li l-appellant ma kienx fi stadju li jifhem jew jirrispondi għall-akkużi magħmula kontrih, kif ukoll li jkun legalment sentenzjat meta kien f'dik il-qagħda ta' stat u saħħa mentali. L-appellant isejjes dan l-aggravju fuq l-artikolu 402(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali.
(b) Illi inoltre fl-istat mentali li kien fih f'dak l-istadju tal-proċeduri l-appellant ma kienx f'qagħda li jkun jista' jiddefendi ruħu mill-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Anzi f'dik is-sitwazzjoni il-Qorti tal-Maġistrati ma semgħetx xhieda in difesa u dan peress li l-appellant ma kienx f'qagħda li jippreżenta difiża.

4. Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet matul is-seduta tal-25 ta' Lulju 2019 fejn id-Difiża rrimittiet ruħha għal dak kontenut fir-rikors tal-appell; mentri l-Prosekuzzjoni saħqet li l-appellant kien preżenta diversi ċertifikati biex juri li huwa ma kienx f'qagħda li jidher il-Qorti għal perjodi partikolari, ħlief għall-aħħar ċertifikat li kien jgħid li l-appellant ma kienx f'qagħda li jidher il-Qorti mill-punto di vista psikjatriku. L-Avukat Ġenerali ried ifiehem li l-fatt li ma kienx f'qagħda li jidher il-Qorti ma jfissirx li kien maħkum minn xi stat ta' ġenn fis-sens legali tal-kelma.

***Ikkunsidrat : -***

5. Illi minn qari tal-atti proċesswali jirriżulta li dan il-każ kellu iter kemxejn travaljat li wassal lill-Qorti tal-Maġistrati tesprimi d-diżapprovazzjoni tagħha għall-fatt li l-appellant ma kienx qiegħed jidher quddiemha għas-seduti. Huwa utli għalhekk li jiġi analizzat dan l-iter. Il-każ inbeda permezz ta' taħrika datata 26 ta' Ġunju

2015 u ġie deċiż fil-25 ta' Mejju 2017. Fil-frattemp pero fl-ewwel seduta datata 15 ta' Lulju 2015 l-appellant kien deher mingħajr avukat u talab għall-assistenza legali. Il-Qorti innominat lil Dr. Patrick Valentino għal dan il-għan. Deher il-parte civile assisit mill-Avukat Dr. Robert Galea. Il-kawża ġiet differita għall-24 ta' Settembru 2015.

6. Fl-24 ta' Settembru 2015 deher l-Avukat Dr. Robert Galea għall-parte civile. L-imputat appellant ma deherx u bagħat ċertifikat mediku iffirmat mit-Tabib Stefan Camilleri fid-data tad-19 ta' Settembru 2015 li kien jgħid li l-imputat "*is not well and will require 1 week rest at home*". Il-kawża ġiet differita għad-29 t'Ottubru 2015.

7. F'dik is-seduta dehret l-Uffiċjal Prosekutur u l-imputat imsejjaħ baqa ma deherx. Ġiet eżebita referta pożittiva tal-imputat appellant. Il-Qorti sabitu ħati ta' disprezz u kkundannatu multa ta' mija u għoxrin ewro u ordnat li jinġieb għas-seduta li kien imiss b'mandat t'arrest. Il-kawża ġiet differita għat-3 ta' Diċembru 2015.

8. Fis-seduta tat-3 ta' Diċembru 2015 deher l-Uffiċjal Prosekutur li ppreżenta ċertifikat mediku tal-imputat appellant. Il-Qorti rat il-mandat t'arrest li kienet ħarġet fis-seduta preċedenti kif ukoll kopja taċ-ċertifikat mediku tal-imputat appellant. Din id-darba dan iċ-ċertifikat, jew aħjar dak li jidher li hu fotokopja ta' ċertifikat, kien maħruġ mit-Tabib Adrian Vassallo fit-30 ta' Novembru 2015 u jgħid li dakinhar l-imputat appellat kien dijanjostikat b'infezzjoni fis-sider u ordnat jistrieħ għal ġimgħa sħiħa. Il-Qorti irrimarkat li

x-xhud Francis Buttigieg kien deher ġa erba' darbiet fil-kawża għal xejn. Biss din il-Qorti rat li mill-verbali tas-seduti, ġie mniżżel li deher biss f'seduta tal-15 ta' Lulju 2015 u fil-kumplament tas-seduti l-oħra ma hemmx verbalizzat li l-parte civile kien deher. Fi kwalunkwe każ il-Qorti sabet lill-imputat appellat ħati ta' disprezz u kkundannatu għal ħames ġimgħat detenzjoni u ordnat il-mandat t'arrest li jiġi eżegwit u ddifferiet il-kawża għas-7 ta' Jannar 2016.

9. Fis-7 ta' Jannar 2016 irriżulta li għalkemm l-imputat appellant kien detenut, l-Uffiċjal Prosekutur stqarr li bi żvista ma kienx ittella' l-Qorti. Għal dik is-seduta ġie verbalizzat li deher il-parte civile assistit. Il-kawża ġiet differita għat-18 ta' Frar 2016. Dakinhar tat-18 ta' Frar 2016 fuq talba tal-Prosekuzzjoni il-kawża ġiet differita għall-5 ta' Mejju 2016. Ma ġiex verbalizzat li deher il-parte civile.

10. Fis-seduta tal-5 ta' Mejju 2016 jidher li l-imputat ma kienx ġie miġjub il-Qorti. Deher il-parte civile li pero nforma lil Qorti li huwa kien deher għal kull seduta u minkejja dan il-każ ma kienx għadu beda. Kif intqal aktar qabel, minn imkien mill-atti ma jirriżulta dak li qal il-parte civile. Iżda l-Qorti jidher li qablet mal-parte civile u ddeplorat it-telf ta' żmien f'din il-kawża li sa dak il-punt ma kienx sar xejn fiha u ssolleċitat lill-Uffiċjal Prosekutur sabiex fis-seduta li kien imiss iġib lill-imputat fil-Qorti u tinqara l-kawża u x-xhud jagħti d-deposizzjoni tiegħu. Il-kawża ġiet differita għas-16 ta' Ġunju 2016.

11. Fis-16 ta' Ġunju 2016 ġie verbalizzat li deheret biss l-ispettur Caroline Fabri u l-imputat imsejjaħ diversi drabi ma deherx. Il-kawża ġiet differita għall-21 ta' Lulju 2016.

12. Fil-21 ta' Lulju 2016 deher il-Prosekutur, u l-parte civile assistit. Deher ukoll l-imputat, iżda Dr. Valentino imsejjaħ diversi drabi ma deherx. Minħabba d-diversi tentattivi li l-Qorti kienet għamlet biex din il-kawża tibda u l-uniku darba li kien deher l-imputat appellant f'dak l-istadju kien sena qabel, il-Qorti ordnat li l-kawża tinbeda f'dik is-seduta, iżda fl-assenza tal-avukat tal-imputat. Dakinhar ingħata d-digriet tal-*prima facie* kontra l-imputat appellant. Il-kawża ġiet differita għall-25 t'Awissu 2016.

13. Ġara pero li l-ewwel rinviju mibgħut mill-Avukat Ġenerali kien dak tat-22 t'Awissu 2016 u li kien wieħed taħt l-artikolu 432(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali minħabba li l-atti tal-kompilazzjoni kienu difettużi għar-raġunijiet spjegati f'dak ir-rinviju u għalhekk ordna li l-kompilazzjoni tal-provi tibda' mill-ġdid. Fis-seduta tal-25 t'Awissu 2016 ma sar xejn u l-kawża ġiet differita għall-għada. Fis-26 t'Awissu 2016 deher biss l-Uffiċjal Prosekutur u ppreżenta riferta pożittiva tal-imputat li pero ma deherx. Il-Qorti ordnat il-ħruġ ta' mandat t'arrest fil-konfront tiegħu, irrinvijat l-atti lill-Avukat Ġenerali u ddifferiet il-kawża għad-29 ta' Settembru 2016.

14. Fis-seduta tad-29 ta' Settembru 2016 deher l-imputat assistit minn Dr. Josette Sultana. Deher ukoll il-parte civile assistit minn Dr. Robert Galea. Il-kompilazzjoni reġgħet bdiet mill-bidu. Iżda peress li d-Difiża kienet eżentat lill-Prosekuzzjoni milli ttella' x-

xhieda u l-provi prodotti mill-ġdid, u peress li fl-uniku seduta utli l-Prosekuzzjoni kienet tellgħet ix-xiehda tal-Pulizija u tal-parte civile, il-Prosekuzzjoni iddikjarat li kienet għalqet il-provi tagħha. Il-Qorti issolleċitat lill-Avukat Ġenerali sabiex sas-seduta li kien imiss joħroġ l-akkużi u rabtet lill-imputat appellant taħt obbligazzjoni taħt l-artikolu 412A tal-Kodiċi Kriminali u l-kawża ġiet differita għat-3 ta' Novembru 2016.

15. Fit-2 ta' Novembru 2016 l-Avukat Ġenerali ħareġ nota tar-rinviju għall-ġudizzju b'riżerva. Fis-seduta tat-3 ta' Novembru 2016 deher l-imputat din id-darba assistit mill-PL Peter Paul Zammit. Deher il-parte civile assisit minn Dr. Robert Galea. Dakinhar l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara definittivament li ma kellux aktar rovi x'jipproduċi, inqrat in-nota ta' rinviju għall-ġudizzju, id-Difiża ddikjarat li ma kellhiex oġġezzjoni li l-każ jiġi tratt bi proċedura sommarja minn dik il-Qorti. Il-kawża ġiet differita għas-26 ta' Jannar 2017. F'dak il-punt għalhekk dik il-Qorti ġiet konvertita f'Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u kien mistenni li l-imputat iressaq il-provi tiegħu, jekk huwa kellu u ried jagħmel dan.

16. Fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2017 deher il-parte civile. Deher ukoll il-PL Peter Paul Zammit għall-imputat u ppreżenta ċertifikat mediku għall-imputat. Din id-darba il-kopja taċ-ċertifikat mediku eżebit kien juri li dan kien maħruġ mill-Isptar Monte Carmeli fis-6 ta' Jannar 2017 u ffirmat mill-Psikjatra Joseph F. Spiteri. Dan kien jgħid li l-imputat appellant kien *inpatient* u kien qiegħed juri "*severe psychotic symptoms for which he is being treated Mr. Zarb is unfit to*

*appear in court for the next six weeks. He will be reviewed in the meantime."* Il-kawża kienet ġiet differita għat-2 ta' Marzu 2017.

17. Fl-1 ta' Marzu 2017 il-PL Peter Paul Zammit eżebixxa ċertifikat mediku ieħor maħruġ nhar l-10 ta' Frar 2017 f'isem l-imputat appellant fuq *letterhead* tal-Psikjatra Dr. Joseph F. Spiteri mnejn kien jingħad li l-imputat appellant kien *inpatient* fil-MW7 ta' Monte Carmeli. Ingħad li l-imputat appellant kien qiegħed ibagħati minn *"psychotic depression with auditory hallucinations. He is on treatment for this condition. In view of his medication and his poor mental state he is unfit to appear in court for the next twelve weeks from above date"*.

18. Fis-seduta tat-2 ta' Marzu 2017 il-Qorti rat in-nota tad-Difiża u ċ-ċertifikat mediku. Il-Qorti rrimarkat li mit-3 ta' Novembru 2016 sa dakinhar l-imputat qatt ma reġa' deher il-Qorti u peress li l-istess imputat kien dam aktar minn sena ma jattendi l-Qorti fil-bidu ta' dawk il-proċeduri, sabet lill-istess imputat ħati ta' disprezz lejn l-Awtorita tal-Qorti u kkundannatu mitejn euro multa u ordnat li jinġieb b'mandat t'arrest fis-seduta li kien imiss u ċjoe fil-11 ta' Mejju 2017.

19. Fis-seduta tal-11 ta' Mejju 2017 deher l-Uffiċjal Prosekutur u deher l-imputat mhux assistit. Deher ukoll il-parte civile assistit mill-Avukat Robert Galea. Il-Qorti irrimarkat li dik il-kawża kienet ilha differita għall-provi tad-Difiża sa minn Settembru 2016 u d-Difiża ma ġabet ebda provi, il-Qorti ddikjarat il-provi tad-Difiża magħluqa u ħalliet il-kawża għas-sentenza għall-25 ta' Mejju 2017. L-imputat kien notifikat fl-awla.

20. Fis-16 ta' Mejju 2017 l-imputat appellant ippreżenta rikors għal differeiment tas-seduta li kien imiss – dik tal-25 ta' Mejju 2017 u dan għar-raġunijiet li kienu ġew imsemmija f'ċertifikat mediku anness mal-istess rikors. Dan iċ-ċertifikat kien maħruġ mill-Isptar Monte Carmeli nhar il-15 ta' Mejju 2017 u kien jgħid li l-imputat appellant kien *inpatient* f'dak l-isptar f'MW7 u kien iffirmat mill-Psikjatra Dr. Joseph F. Spiteri li ċċertifika li l-imputat appellant "*continues to suffer from auditory hallucinations and deluded about his well being. He is on large doses of medication. In view of his poor clinical state his is unfit to appear in court from the psychiatric point of view.*"

21. Fis-seduta tal-25 ta' Mejju 2017 il-Qorti rat li deher l-Uffiċjal Prosekutur, deher l-imputat, deher il-parte civile assistit minn Dr. Robert Galea. Il-Qorti għaddiet għall-prolazzjoni tas-sentenza.

***Ikkunsidrat : -***

22. Mingħajr dubju ta' xejn, din il-Qorti tifhem is-sens ta' frustrazzjoni li l-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll il-Prosekuzzjoni u l-parte civile esperjenzjaw f'dan l-iter travaljat ta' din il-kawża. Huwa evidenti li l-imputat appellant sa mill-bidu tal-proċeduri wera reżistenza sabiex jippreżenzja ruħu l-Qorti għall-proċeduri li kien hemm kontra tiegħu. Fil-fatt in-nuqqas ta' dehera tiegħu kienet ċensurata mill-Qorti tal-Maġistrati diversi drabi. Dik il-Qorti jidher li ħadet il-linja li ċ-ċertifikati mediċi li kienu qegħdin jiġu preżentati mill-imputat appellant kienu, aktar minn ħaġa oħra, forma ta' tattika

intiża biex ittawwal il-proċeduri bla bżonn. Fil-fatt il-Qorti ħadet deċiżjonijiet drastiċi biex tipprova trażżan dak li f'għajnejha jidher li kien abbuż tal-proċedura da parti tal-imputat appellant minħabba preżentata ta' ċertifikat biex jottjeni differimenti tattiċi.

23. Dan jidher ċar meta :-

(a) Fis-seduta tal-21 ta' Lulju 2016 il-Qorti tal-Maġistrati ħadet id-deċiżjoni li tipprosegwi bil-proċedura ai termini tal-artikolu 390(1) u 392 tal-Kodiċi Kriminali fil-preżenza tal-imputat iżda meta ma kienx assistit; kif ukoll

(b) Fis-seduta tal-11 ta' Mejju 2017 il-Qorti iddikjarat li dik il-kawża kienet ilha differita għall-provi tad-Difiża minn Settembru 2016 u peress li d-Difiża ma ġabet ebda provi, ex officio iddikjarat il-provi tad-Difiża magħluqa u ddifferiet il-kawża għas-sentenza – u dan sitt ijiem wara d-data ta' skadenza taċ-ċertifikat tal-Psikjatra Joseph F. Spiteri; kif ukoll

(c) Fis-seduta tal-25 ta' Mejju 2017 għaddiet għall-prolazzjoni tas-sentenza minkejja li fis-16 ta' Mejju 2017 kien ġie eżebit ċertifikat mediku ieħor mill-istess Psikjatra li kien jiddikjara lill-imputat appellant għadu maħkum minn "*auditory hallucinations u deluded about his well-being*".

24. Fil-prinċipju din il-Qorti taqbel mal-Qorti tal-Maġistrati li f'ċerti ċirkostanzi jittieħdu miżuri drastiċi biex il-proċeduri quddiemha jiġu mitmuma fi żmien raġonevoli u biex telimina tattiċiżmi li xi drabi jiġu użati quddiemha minn xi partijiet li jkunu jridu b'xi mod jew ieħor itawlu l-proċeduri jew joħolqu ostakli inġusti għall-

andament tal-proċeduri. Biss qabel ma dik il-Qorti tasal biex tieħu miżuri drastiċi, hija għandha tassigura li l-każ ikun jimmerita li jittieħdu tali miżuri minħabba li jkun **pruvat** bi provi ċari li l-imġieba ta' xi waħda mill-partijiet jew it-talbiet ta xi waħda mill-partijiet involuti għal differimenti jew il-preżentata ta' ċertifikati b'effetti dilatorji jkunu privi minn bażi u fondament fattwali u ġuridiku.

25. F'dan il-każ din il-Qorti tinnota li l-Qorti tal-Maġistrati f'ebda każ fejn ġie preżentat ċertifikat mediku jew psikjatriku ma ordnat li dan iċ-ċertifikat jiġi verifikat b'indaġini ulterjuri. Il-Qorti trid tagħmel distinzjoni bejn in-natura u s-suġġett u s-serjeta ta' dijanjożi misjuba fiċ-ċertifikat mediku. Hekk per eżempju l-ewwel żewġt ċertifikati mediċi preżentati fil-bidu tal-proċeduri, jiġifieri dawk ta' Dr. Stefan Camilleri (għax l-imputat appellant ħassu *"not well"* – frażi li tant hija vaga immens u priva minn sinjifikat mediku proprju) u ta' Dr. Adrian Vassallo (fejn jgħid li l-imputat appellant kien maħkum minn infezzjoni tas-sider) it-tnejn li huma jidhru li ordnaw lill-imputat perjodu ta' ġimgħa mistrieh – jiem biss qabel mal-imputat appellant kellu s-seduta l-Qorti. Dawn iż-żewġt ċertifikati mediċi setgħu faċilment jiġi mifhuma bħala li huma forma ta' tattiċiżmu użata mill-imputat appellant biex jipprova jiġġustifika l-assenza tiegħu għas-seduta fil-Qorti – stante li fl-ebda wieħed minnhom ma jingħad li l-imputat ma kienx tajjeb biex jidher il-Qorti. Fiż-żewġt każijiet, il-Qorti tal-Maġistrati naqset milli tordna lit-Tobba li ħarġu dawn iċ-ċertifikati li jikkonfermaw il-kontenut tagħhom bil-ġurament u li jagħtu spjega jekk l-imputat

appellant kienx prekluż milli jattendi l-Qorti minħabba d-dijanjożi magħmula lilu. Dan setgħa jagħti prova aktar konkreta lil Qorti dwar jekk l-assenza tal-imputat mill-Qorti għas-seduta kienetx ġustifikata jew arbitrarja u abbużiva fid-dawl tar-raġuni dijanjostika miġjuba fiċ-ċertifikati mediċi. Biss anke fin-nuqqas ta' tali prova, dik il-Qorti ma tistax tiġi bjażimata li kkunsidrat in-nuqqas tal-preżenza tal-imputat appellant bażata fuq dawk iċ-ċertifikati bħala forma ta' tattiċiżmu dilatorju.

26. Mill-banda l-oħra din is-sitwazzjoni relattiva għaċ-ċertifikati maħruġa mill-Psikjatra Dr. Joseph F. Spiteri hija ferm differenti minn dawk tat-Tobba Camilleri u Vassallo. Qabel xejn f'dawn l-atti ġew prodotti tliet ċertifikati psikjatriċi minn dan il-Psikjatra li ċċertifika li bejn Jannar 2017 u Mejju 2017 – sa għaxart ijiem qabel ma ġiet mogħtija din is-sentenza - l-imputat appellant kien jinsab rikoverat l-isptar Monte Carmeli f'MW7 u dijanjostikat li kien maħkum minn :-
    (a) sintomi psikotiċi severi (ċertifikat a fol 75 datata 6 ta' Jannar 2017);
    (b) dipressjoni psikotika b'alluċinazzjoni auditiva (ċertifikat datat 10 ta' Frar 2017 a fol 77)
    (c) alluċinazzjonijiet awditivi u delużjonijiet dwar il-benessere tiegħu (ċertifikat maħruġ nhar il-15 ta' Mejju 2017 a fol 81).

27. Dawn iċ-ċertifikati ġew maħruġa minn konsulent Psikjatriku ta' reputazzjoni u tnejn minnhom maħruġa fuq il-*letterhead* uffiċjali tal-Isptar Monte Carmeli. Kienu maħruġa fi żmien meta l-kawża

kienet tinsab differita għall-provi tad-Difiża, u dan wara li fis-seduta tat-3 ta' Novembru 2016 il-Qorti tal-Maġistrati kienet segwiet il-proċedura tal-qari tan-nota tar-rinviju għall-ġudizzju u kkonvertiet ruħha f'Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

28. Apparti dan kontra dak imsemmi fil-verbal tal-11 ta' Mejju 2017 il-kawża ma kienetx differita għall-provi tad-Difiża minn Settembru 2017, iżda semmai mit-3 ta' Novembru 2017 u l-ewwel udjenza mogħtija lill-imputat appellant sabiex iressaq il-provi tiegħu kienet fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2017 – u ċjoe fiż-żmien fejn, stando maċ-ċertifikati mediċi psikjatriċi eżebiti, l-imputat kien rikoverat għal perjodi fl-Isptar Monte Carmeli u kien qiegħed jingħata kura hemmhekk.

29. Din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati, rinfaċċjata b'dawk iċ-ċertifikati psikjatriċi, kellha tistħarreġ sewwasew ir-raġunijiet imsemmija fl-istess ċertifikati u tistħarreġ kemm u safejn l-imputat appellant, f'dak l-istadju, kien f'qagħda li setgħa jsegwi l-proċeduri kriminali li kienu kondotti kontra tiegħu; u kemm kien f'posizzjoni jifhem bi preċizjoni dak li kien qiegħed għaddej minnu; u kemm kien f'qagħda li jiddefendi lilu nnifsu. Dik il-Qorti, rinfaċċjata b'dik is-sitwazzjoni apparenti, kellha tara qabel xejn jekk u safejn dak iċċertifikat mill-Psikjatra kienx minnu, u jekk minnu, kemm dawk il-kondizzjonijiet psikjatriċi imsemmija mill-istess Psikjatra kienu jinċidu fuq il-kapaċita tal-imputat appellant li jkun jista' jsegwi l-proċeduri kriminali kontra tiegħu.

30.Għalkemm l-imputat appellant jinvoka l-artikolu 402(1) tal-Kodiċi Kriminali, din il-Qorti jidhrilha li dak l-artikolu f'dan il-każ jinsab superat in kwantu dak jirrelata għall-istadju tal-istruttorja, mentri f'dan il-każ, l-istadju tal-istruttorja kien magħluq u l-kawża kienet qegħda tiġi trattata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Biss dan ma jfissirx li jekk persuna tiġi maħkuma minn xi stat ta' ġenn waqt il-prosegwiment tal-kawża fil-meritu, ma għandhiex ukoll id-dritt li ssegwi l-proċeduri li jkunu korrenti kontriha. Anzi l-posizzjoni legali hija li kull persuna għandha dritt li tkun taf u tifhem sewwasew xi jkun qiegħed jiġri fil-konfront tagħha f'kawża quddiem Qorti ta' ġustizzja kriminali.

31.L-eżerċizzju tal-azzjoni kriminali fil-fatt jista' jiltaqa' ma' ostakli fil-kors tiegħu. Wieħed minn dawn l-ostakli huwa meta fil-kors tal-proċeduri l-imputat jiġi maħkum minn stat ta' *ġenn* jew kif huwa riferit fid-Dritt proċedurali ingliż *insanity*. Fi kliem il-Professur Sir Anthony Mamo, anke jekk il-kundizzjonijiet essenzjali għall-bidu tal-eżerċizzju tal-azzjoni penali jkunu soddisfatti, din l-azzjoni penali tista', fil-kors tagħha, tiltaqa' ma sitwazzjonijiet li jitqiesu ostakli għall-eżerċizzju tagħha. Il-Mamo jiċċita lill-kittieb Niccolini fl-Opra tiegħu "*Elementi di Procedura Penale*" tal-1895 li jinkludi l-istat ta' ġenn tal-akkużat bħala wieħed mill-ostakli għat-tkomplija tal-azzjoni kriminali.

32.Fin-"*Notes on Criminal Law*", fil-Volum tal-Proċedura Kriminali, a fol 26, il-Mamo jgħid hekk:

> Insanity supervening to the offender after the commission of the offence, whether proceedings are commenced or in the course of such proceedings,

> makes his conscious and intelligent participation impossible. No one will doubt for a moment that this should constitute an impediment to the exercise of the criminal action, whether the proceedings have already commenced or not, it being very obviously essential that the subject of the charge into whose condict the inquiry is being made should be present not only in body but also in the full enjoyment of his mental faculties which are the very basis of criminal responsibility and of the essences and effectiveness of punishment. If the insanity is merely temporary, the proceedings so suspended will naturally be resumed as soon as the offender recovers or is cured.

33. Għalkemm din il-Qorti tifhem li l-intenzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kienet li tmexxi l-kawża li kellha quddiemha bi speditezza, f'dan il-każ din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati kellha, qabel xejn, taċċerta ruħha jekk l-imputat verament kienx maħkum minn stat ta' ġenn skont il-Liġi jew jekk dik l-allegazzjoni kontenuta fiċ-ċertifikati psikjartiċi kienetx għal kollox fierħa. Dato l-importanza li anke l-Professur Mamo jagħti għall-ħtieġa li l-akkużat ikun *compos sui*, li jkun preżenti kemm fiżikament iżda wkoll mentalment għall-proċeduri penali kontrih, u li għalhekk huwa meħtieġ li huwa jkun igawdi l-pjeni fakultajiet mentali li huma bażilari għad-determinazzjoni tar-responsabbilta kriminali u għall-essenza u effettivita tal-piena li tkun tista' tiġi inflitta lilu fil-każ ta' sejbien ta' ħtija, kien impellenti fuq il-Qorti tal-Maġistrati li tindaga jekk u safejn dawk il-kondizzjonijiet psikjatriċi imsemmija mill-Psikjatra fiċ-ċertifikati tiegħu kienux jinċidu fuq il-fakultajiet mentali tal-imputat appellant b'mod li minħabba fihom kienx jista' jitqies li huwa *insane* o meno.

34. Il-provi juru li kemm meta l-Qorti tal-Maġistrati ħadet il-miżura drastika li tiddikjara l-provi tad-Difiża magħluqa (fis-seduta tal-11 ta' Mejju 2017) kif ukoll meta għaddiet għall-prolazzjoni tas-sentenza (fis-seduta tal-25 ta' Mejju 2017) l-imputat kien fiżikament preżenti. Iżda kemm jista jingħad, bil-provi, li l-imputat appellant kien mentalment preżenti wkoll? Iċ-ċertifikati mediċi u psikjatriċi eżebiti jitfgħu dubju dwar dan, liema dubju kellu jiġi indirizzat mill-Qorti tal-Maġistrati qabel ma tgħaddi għad-deċiżjoni li tiddikjara l-provi tad-Difiża magħluqa u qabel ma tgħaddi għas-sentenza tagħha. F'dan is-sens, din il-Qorti tqis din l-omissjoni bħala nuqqas fit-twettieq ta' proċedura tali jirrendi d-digriet tal-11 ta' Mejju 2017 u s-sentenza tal-25 ta' Mejju 2017 mhux *safe u satisfactory*. Dan in-nuqqas proċedurali huwa essenzjalment il-meritu taż-żewġ aggravji imsresqin mill-imputat appellant, li għar-raġunijiet aktar il-fuq imsemmija, jimmeritaw li jiġu milqugħa fis-sustanza tagħhom.

35. Biss din il-Qorti ma tqisx li r-rimedju mitlub mill-appellant għandu jiġi milqugħ skont kif redatt fir-rikors tal-appell. Din il-Qorti tqis li dawn in-nuqqasijiet proċedurali kumulattivi huma forma ta' *error iuris* proċedurali li l-konsegwenza tagħhom kien jolqot direttament wieħed mill-kardini tad-dritt ta' Difiża ġusta fl-ambitu ta' proċedura kriminali. In kwantu tali, il-Qorti tqis ukoll li din il-kwistjoni hi ritenibbli t'ordni pubbliku in kwantu tolqot il-prinċipji bażilari li fuqhom il-konduzzjoni tal-azzjoni penali u d-dritt ta' difiża xierqa tal-imputat huma msejsa. Għalhekk tqis ukoll li dan il-punt huwa sollevabbli *ex officio* minn din il-Qorti.

36. Għaldaqstant, għall-dawn il-motivi, u sabiex tassigura t-tmexxija tal-proċedura penali skont il-Liġi u b'rispett lejn id-drittijiet tal-partijiet kollha involuti f'dan il-każ, din il-Qorti qegħda tannulla s-sentenza appellata u peress li qabel xejn huwa meħtieġ li jiġi determinat sewwasew jekk l-imputat appellant hux jew għadux milqut minn xi sitwazzjoni ta' ġenn skont il-Liġi matul il-kors ta' proċeduri kriminali, u sabiex ma tipprivax lill-partijiet mill-benefiċċju tad-*doppio esame*, qegħda tibgħat lura l-atti tal-kawża lura lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabiex wara li tkun għamlet l-istħarriġ tekniku meħtieġ biex jiġi determinat jekk u safejn l-imputat appellant hux maħkum minn stat ta' ġenn fis-sens legali matul il-kors ta' proċeduri kriminali, tipproċedi skont il-Liġi mill-istadju imsemmi fil-verbal tat-3 ta' Novembru 2017 il-quddiem.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***